# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-16 ta' Jannar 2020**

Appell numru 104 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Leeandra MIFSUD**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Marzu 2018 fil-konfront ta' Leeandra MIFSUD detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 423685M li ġiet mixlija (in suċċint):

   > Talli fil-21 t'Ottubru 2016 għall-ħabta ta' 0815 fi Triq l-Irmiġġ, l-Imsida, saqet il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBT 424 u b'nuqqas ta' ħsien, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tagħha, jew altrimenti b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ikkommettiet offiża fuq il-persuna ta' Maria Dolores Rizzo liema offiża hija gravi iżda mingħajr il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Il-

Prosekuzzjoni tablet li l-ħatja tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputata ħatja u kkundannatha għall-ħlas ta' mitejn u ħamsin euro multa u tletin jum sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan.

3. Illi minn din is-sentenza Leeandra MIFSUD interponiet appell li permezz tiegħu talbet ir-revoka tas-sentenza appellata u l-liberazzjoni tagħha jew alternattivament prevja li dil-Qorti tikkonferma l-ħtija tagħha tinfliġġi piena aktar idoneja fiċ-ċirkostanzi, inkluż it-tneħħija tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan u dan wara li resqet żewġt aggravji u ċjoe:

(a) li l-imputazzjoni kontriha ma setgħet qatt tirriżulta stante li t-triq indikata fil-komparixxi kienet waħda ħażina;

(b) li f'dan il-każ is-sospensjoni tal-liċenzja kienet waħda diskrezjonarja fuq din il-Qorti u mhux tassattiva.

***Ikkunsidrat: -***

4. Illi f'dan il-każ il-Qorti rat li l-imputata kienet ġiet mixlija, u eventwalment misjuba ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bir-reat taħt l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid : -

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati – ....

5. Illi f'dan il-każ il-provi prodotti juru li l-appellanta tajret lil Maria Dolores Rizzo u kkaġunatilha offiża ta' natura gravi li pero ma ġabitx magħha xi wieħed mill-effetti msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Fis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Edwina Grima fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Lawrence Attard*** deċiża nhar is-27 ta' Frar 2019, b'referenza għas-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni dwar il-qtil involontarju, dik il-Qorti kienet iddikjarat li l-Qorti tal-Maġistrati kienet indikat l-artikolu tal-Liġi li jitkellem dwar ir-reat tal-ħsara involontarja u cioe' l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali; u l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li dan l-artikolu *ma ghandu xejn x'jaqsam mar-reati addebitati lill-appellant*.

6. Similment, f'dan il-każ jirriżulta li r-reat addebitat lill-appellanta kien dak ta' ħruq jew ħsara involontarja ai termini tal-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali meta f'dan il-każ, il-provi kollha jindikaw li l-ħsara li saret ma kienetx daqstant lejn il-proprjeta ta' Maria Dolores Rizzo, daqskemm offiża gravi fuq il-persuna tagħha li ma kienetx iġġib il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u dan in konsegwenza diretta għal impatt bejn il-vettura misjuqa mill-appellanti u l-persuna ta' Maria Dolores Rizzo.

7. L-ipoteżi tar-reat li toħroġ mill-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali hija dik ta' meta persuna, b'mod kolpuż, tikkawża ħruq jew ħsara fuq xi oġġett; u b'**<u>konsegwenza ta' dan il-ħruq jew ħsara fuq xi oġġett b'mod kolpuż</u>**, persuna oħra tiġi maqtula jew issofri offiża fuq il-persuna tagħha jew xi ħsara oħra. F'dan il-każ ma rriżultax

li l-offiża fuq il-persuna ta' Maria Dolores Rizzo seħħet minħabba aġir kolpuż tal-appellanta li minħabba fih l-appellanta **kkawżat xi ħruq jew ħsara fuq oġġett u konsegwenza ta' tali ħruq jew ħsara fuq oġġett** seħħet il-ħsara fuq il-persuna ta' Maria Dolores Rizzo.

8. Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellanta bir-reat żbaljat in kwantu r-reat li kellha semmai tiġi mixlija bih kien dak naxxenti mill-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe r-reat ta' kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti jikkaġuna offiża fuq il-persuna. Id-dinamika tal-inċident f'dan il-każ hija waħda tipika ta' persuna li tkun qegħda ssuq vettura bil-mutur u b'mod kolpuż, waqt li tkun qegħda ssuq tali vettura tikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' xi persuna oħra. L-ipoteżi tar-reat f'dawn iċ-ċirkostanzi hija dik prevista taħt l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik taħt l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali.

9. Issa din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li l-avviż huwa biss *avviso a comparire*, u dan din il-Qorti irribadietu fis-sentenza tagħha tal-15 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi***. F'dak il-kuntest din il-Qorti jidhrilha li dak imsemmi mill-Imħallef William Harding fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Ġanni Pirotta*** tas-16 ta' Mejju 1953 kellu jsib applikazzjoni b'approvazzjoni fis-sens li jekk fiċ-ċitazzjoni jkun hemm indikazzjoni skorretta tal-post fejn ikun seħħ ir-reat, dan in-nuqqas ma jġibx in-nullita taċ-ċitazzjoni jekk l-imputat ikun fehem

għall-liema post u każ tkun qegħda tirreferi l-imputazzjoni, u l-imputat appellant ikun iddefenda ruħu fir-rigward tal-post fejn effettivament ikun seħħ ir-reat, u mhux rigward il-post imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Verament pero li din il-konċezzjoni taċ-ċitazzjoni tippermetti element ta' flessibilita fil-ġudizzji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

10. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kriminali eżerċenti funzjoni t'appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Marzu 1954 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Frank Borg*** :

(a) il-kunċett li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni hija ordni ta' komparizzjoni kien saret kwistjoni ta' *jus receptum;*
(b) l-enuċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha mhix il-bażi essanzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni;
(c) il-Qorti setgħet issib ħati imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u li jkun irriżulta mill-provi li seħħ – basta li, jekk jagħmel talba apposita, l-imputat ikun jista' jingħata żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor;
(d) din il-kawża wkoll kienet ippermettiet bidla fl-avviż wara li kienu ingħalqu l-provi mill-Prosekuzzjoni.

11. F'dan il-każ ma kienet mitluba ebda bidla fiċ-ċitazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni. Anzi ġiet misjuba ħtija fl-imputata appellanta in bażi għall-imputazzjoni imresqa mill-Prosekuzzjoni stess. Fl-ebda ħin ma tqajmet difiża fis-sens li l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx l-artikolu applikabbli għal dan il-każ u kulħadd donnu aċċetta li l-ipoteżi tar-reat in kwistjoni kienet dik prevista fiċ-ċitazzjoni. Biss din il-Qorti ma tistax tqis dan bħala fatt ġust. Wieħed jista' jifhem argument fis-sens li in bażi għall-ġurisprudenza assodata relattiva għaċ-ċitazzjoni qua *avviso a comparire,* il-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' ssib ħtija fuq reat divers

minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u li jkun irriżulta mill-provi li seħħ. Biss anke hawnhekk hawn ostakolu.

12. Fl-appell kriminali ***Salvina Galea vs Giuseppa Gatt***, deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-1 ta' Mejju 1954, ġie mistqarr is-segwenti : -

> Ingħad fuq li ħadd ma jista' jiġi ddikjarat ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott kif ikun il-każ jekk persuna tiġi dikjarata ħatja ta' inġurja gravi mentri l-imputazzjoni tkun tali li l-addeibut għandu jiġi meqjus bħala ta' inġurja vaga.
> Fl-Ingilterra, il-prinċipju hu aktar rigoruż, u ma hemmx bżonn jingħad li ċ-ċitazzjoni fil-proċeduri kriminali ta' Malta ġiet modellata fuq is-sitema Ingliż (ara App. Krim. "Pulizija vs. Bartolo", 8 ta' Jannar 1938, n 4.6.38). Infatti fis-sistema Ingliż, anki fuq sempliċi "writ of summons", ħadd ma jista; jiġi misjub ħati ta' reat differenti minn dak dedott, anke jekk minuri. Hekk, per eżempju, "a person charged with ebing drunk and guilty of riotous conduct cannot be convicted of drunkenness merely, this being a different offence" Leadman vs. Cragg (1862) J.P. 359) Hekk ukoll "a person charged with assaulting a constable in the execution of his duty cannot be convicted of a common assault" R. v. Brickill (1861) J.P. 359). Ingħad ukoll in "Martin vs Bridgeon" (1859) 23 J.P. 630 " a defendant cannot be convicted of a different offence from that stated in the information, the word 'variance' (din hi l-kelma użata fil-Magistrates' Courts Act, 1952 sec. 99) pointing to some difference between the allefation and the evidence, and not to a difference offence." Dan hu l-istat attwali tal-ġurisprudenza Ingliża, peress li dawn id-deċiżjonijiet huma riportati, in nota, fl-aħħar edizzjoni (1953) tal-Stone's Justices' Manual.
> Fis-sistema Malti, il-prattika hija li l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat mhux aktar gravi, purke' jkun kompriż jew involut f'dak dedott – interpretazzjoni suffragata mis-subartikolu (4) ta' l-art. 478 Kap. 12 li hu applikabbli għall-att ta' l-akkuża, u kwindi maġġorment applikabbli għall-att anqas formali bħal ma hija ċ-ċitazzjoni;
> **Iżda jibqa' dejjem li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott.**[1]

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti bejn l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali ma jistax jingħad li hemm rabta ta' reat li huwa minuri iżda kompriż jew involut. L-elementi

---

[1] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti stess.

oġġettivi tar-reati, ossija l-fatti materjali, huma differenti. Dawn iż-żewġt artikoli tal-Liġi jipprovdu għal fattispecie differenti – ma humiex identiċi jew interkambjabbli.

14. Anke jekk iż-żewġt reati msemmija jaqgħu fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati, u allura jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għandha element ta' flessibilita naxxenti mid-dottrina taċ-ċitazzjoni bħala *avviso a comparire*, jibqa' wkoll il-fatt li r-reat imsemmi fl-omess artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjuż bħala reat aktar gravi minn dak dedott taħt l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa deżunt mill-piena li tiġi inflitta fil-każ ta' sejbien ta' ħtija fejn fl-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali[2] għall-ipoteżi simili – ossija r-riżultanti offiża fuq il-persuna mingħajr il-konsegwenzi previsti taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali – hija maġġuri għal dik prospettata taħt l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali.[3] B'hekk din il-Qorti ma tistax tqis li tista' ssib ħtija fl-imputata appellata in bażi għar-reat taħt l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan kien ikun sejbien ta' ħtija għal-reat maġġuri u mhux minuri minn dak li imputat fiċ-ċitazzjoni. Dan ġie vjetat mill-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija.

[2] jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerijagħal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhuxiżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro usebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

[3] jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravimingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tlietxhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa usittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

15. Minbarra dan, fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-11 t'Ottubru 1954 fl-ismijiet ***Il-Majesta' Tagħha r-Reġina vs. Marianna Attard*** intqal hekk :

> Huwa fatt illi fil-ġudizzji sommarji quddiem dik il-Qorti jistgħu jsiru xi korrezzjonijiet fiċ-ċitazzjoni billi din hija sempliċement ordni ta' komparizzjoni, kif ukoll li l-enunċjazzjoni tal-fatti fiha kontenuti ma tikkostitwixxix il-bażi essenzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni (Appell Kriminali tat-12 ta' Awissu, 1916, in re "La Polizia vs. Ashby" u t-12 ta' Jannar, 1918 in re "La Polizia vs. Debono"; iżda kif ġja ritenut bis-sentenzi preċedentement ċitati, dana l-prinċipju ghandu jiġi limitat għall-każi meta r-reat divers riżultat jibqa' dejjem ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, u ma jistax jiġi estiż fis-sens li jawtorizza lill-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Istruzzjoni fuq akkużi iżjed gravi, bħal ma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati fil-każ in eżami. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati trasformat ruħha f'Qorti Istruttorja fuq il-fatt "riżultat" minflok fuq il-fatt "dedott" biss tikkostitwixxi alterazzjoni tal-akkuża bi preġudizzju tad-dritt kweżit tal-imputat li ġie favur tiegħu bl-akkuża kif oriġinarjament formulata.

16. Mill-banda l-oħra jekk l-imputazzjoni kif dedotta tkun differenti minn dik riżultanti, din ikollha konsegwenzi oħra wkoll jekk kemm il-darba dik dedotta tkun teskludi dik riżultanti. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar is-6 ta' Diċembru 1948 ġie deċiż li :

> t-tribunal ma jistax isib ħati lill-imputat t'imputazzjoni li hija eskluża mit-termini taċ-ċitazzjoni li tikkontemplaha, u l-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' imputazzjoni partikolari li mhix kompriża fl-imputazzjoni ġenerika, anzi li hija eskluża minnha. Jekk il-proċediment ikun għadu fl-ewwel istanza, tista' ssir il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, biex tkun tista' tittieħed in konsiderazzjoni dik l-imputazzjoni partikolari; imma jekk il-proċess ikun f'sedi ta' l-appell din il-korrezzjoni ma tistax issir.

17. Kif intqal aktar il-fuq, f'dan il-każ din il-korrezzjoni ma ġietx mitluba. Din il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-appellanta ġiet mhux biss mixlija, iżda wkoll misjuba ħatja u penalizzata, in bażi għal reat li

ma kienx dak legalment applikabbli għall-fattispecie in disamina. F'dan l-isfond, din il-Qorti ma tistax tqis li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hija sikura u soddisfaċenti. Tkun inġustizzja ferm kbira fuq l-imputata appellanta, li din il-Qorti tintrabat mal-forma b'mod li tippermetti tali sejbien ta' ħtija minħabba l-karenzi aktar il-fuq imsemmija. Din is-sentenza *in criminalibus* qegħda tingħata mingħajr ħsara għal kwalunkwe drittijiet ċivili talvolta kompetenti lill-parte civile.

## *Decide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell u konsegwentement tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellanta mill-imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***